MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2015

Numru. 53/2015

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Keith Joseph Mallia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Keith Joseph Mallia**, ta' erbghin (40) sena, iben Emanuel u Theresa neé Sciberras, imwieled Attard, Malta fis-6 ta' Marzu 1971 u residenti fil-fond Golden Gennet, Triq Dun Guzepp Demicoli, Ghaxaq, Malta u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 148471(M)

**akkuzat talli fl-14 ta' Lulju 2011 gewwa diversi postijiet f'Ghawdex f'hinijiet differenti:**

1. sabiex jikseb xi beneficcju ghalih innifisu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi ghamel uzu min-numru tar-registrazzjoni ta' vettura jaqra GAM 062;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sabiex jikseb xi beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi ghamel uzu min-numru tar-registrazzjoni ta' vettura jaqra GAQ 237;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel uzu min-numri ta' identifikazzjoni xort'ohra minn dawk moghtija mill-Awtorita' kompetenti fuq vettura bil-mutur u cioé ghamel uzu min-numri tar-registrazzjoni jaqra GAM 062 u GAQ 237;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bhala persuna kkundannata f'Malta ghal serq, jew ghal ricettazzjoni, kellu fil-pussess tieghu oggetti li ma kienux tal-kondizzjoni taghhom u ghodod tajba ghall-ftuh jew sgassar, minghajr ma ta kont sodisfacenti ghal-liema skop legittimu jinsabu ghandu (Artikolu 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr ma kellu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

6. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu munizzjoni (skratacc) minghajr ma kellu licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

7. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu munizzjoni li jirrilaxxa sustanzi letali jew irritanti.

**akkuzat ukoll talli bejn is-7 u d-9 ta' Lulju 2011 gewwa dawn il-Gzejjer ta' Malta, f'hinijiet differenti:**

8. ikkommetta serq ta' zewg pjanci u cioé numri tar-registrazzjoni li jaqraw GAM 062 u GAQ 237 liema serq huwa aggravat bil-mezz u bil-hin, ghad-detriment ta' Ludwig Vassallo, Reno Vella u/jew persuni ohra;

9. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxiehom, liema hwejjeg misruqa huma zewg pjanci u cioé numri tar-registrazzjoni jaqraw GAM 062 u GAQ 237;

10. talli naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) diversament preseduta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat li l-kawza kienet tinsab fi stadju li d-difiza tressaq il-provi taghha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 278 u 279) datata 8 ta' Ottubru 2012 li permezz taghha baghat lill-imputat Keith

Joseph Mallia biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 18, 188 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikoli 18, 188 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikoli 18 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Artikoli 18 u 287 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Artikoli 3(a) 4, 5(1), 35(3), 41, 51, 55, 56, 57, 58 u l-iSkeda III tat-Taqsima II tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 18 u 64(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) Artikoli 3(a), 4, 5(1), 35(3), 41, 51, 55, 56, 57, 58 u l-iSkeda III tat-Taqsima II tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 18 u 64(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(g) Artikoli 3(a), 4, 5(1), 35(3), 41, 51, 55, 56, 57, 58 u l-iSkeda III tat-Taqsima II tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 18 u 64(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(h) Artikoli 261(b)(f), 263, 270, 278(1)(2), 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(i) Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(j) Artikolu 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(k) Artikoli 17, 23, 31, 532A, 532B, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-11 ta' Gunju 2014 (*a fol.* 358 u 359), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-8 ta' Ottubru 2012, u f'liema seduta l-imputat ddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat Keith Joseph Mallia jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u dana ghall-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu (*a fol.* 278), u semghetu jikkonferma tali ammissjoni

tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat f'din il-kawza originarjament kien hemm zewg imputati, cioé Keith Joseph Mallia u Keith Galea, u li in segwitu tal-ammissjoni tal-imputat Keith Joseph Mallia, il-Qorti ordnat s-separazzjoni tal-gudizzju bejn iz-zewg imputati u b'hekk filwaqt li l-Qorti ghaddiet biex taghti s-sentenza odjerna fil-konfront tal-imputat Keith Joseph Mallia, iddiferiet il-kawza fil-konfront tal-imputat Keith Galea ghall-kontinwazzjoni.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat Keith Joseph Mallia.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat Keith Joseph Mallia ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u dana wara li saret riferenza ghall-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 8 ta' Ottubru 2012 (*a fol.* 278), u ghaldaqstant l-imputazzjonijiet in kwistjoni gew kollha sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputat Keith Joseph Mallia, il-fedina penali tieghu (liema

fedina penali mhijiex wahda nadifa) u, sa certu punt, l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu. Il-Qorti tinnota li l-imputat setgha jibbenefika minn piena anqas severa kieku huwa ghazel li jammetti l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu fi stadju aktar bikri ta' dawn il-proceduri u dana qieghed jinghad peress li jirrizulta li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu meta l-kawza kienet waslet fi stadju tal-provi tad-difiza u kienet ilha tinstema ghall-kwazi erba' snin.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 8 ta' Ottubru 2012 (*a fol.* 278) b'mod partikolari Artikoli 18, 64(1), 184, 188, 189, 261(b), 261(f), 263, 270, 278(1), 278(2), 281(a), 287, 334 u 579(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukoll Artikoli 3(a), 4, 5(1), 35(3), 41, 51, 55, 56, 57, 58 u l-iSkeda III tat-Taqsima II tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat Keith Joseph Mallia hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perijodu ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal tlitt (3) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlitt (3) snin millum.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------